TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 200/12-F

**Antonia Spiteri**
**vs**
**Sun Lab**

Illum 26 ta' Frar, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-20 ta' Awwissu, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mija u sebgħa w għoxrin ewro (€127), rappreżentanti prezz ta' nuċċali tax-xemx RayBan li meta xtratu kien żgħir.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat nuċċali tax-xemx RayBan mingħand id-ditta ntimata, u wara li xtratu indunat li kien żgħir, u li lanqas kien jiġiha, u għalhekk qed titlob il-flus lura.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjħa tliet darbiet, baqgħet ma dehritx għas-seduta.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, s-soċjeta' ntimata kienet għadha ma bagħtitx risposta bil-miktub, u għalhekk is-soċjeta' ntimata ma kkontestatx din it-talba.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mija u sebgħa w għoxrin ewro (€127), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi n-nuċċali jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888